MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# AWTORITA` TA' L-IPPJANAR

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 21/2001/1

**Dr. Mark Bonello fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Malta Maritime Authority**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Dr. Mark Bonello nomine fejn espona:-

"*1. Illi b'decizjoni tas-7 ta' Settembru, 2001, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet "Dr Mark Bonello fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Malta Maritime Authority vs Awtorita' ta' l-Ippjanar" (PAB 194/00E KA) (Dok MB1) iddecieda billi cahad l-appell u kkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq;*

*2. Illi l-esponent ihossu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Illi l-aggravju tal-esponent huwa car u manifest ghaliex il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda punt ta' ligi mhux korrettement meta huwa kkonkluda fis-sentenza tieghu li:*

*"m'hemmx dubju illi l-proposta ta' l-appellant ("to manufacture and fix in place a steel reeftanker") hija wahda li taqa' taht il-parametri ta' l-espressjoni "zvilupp" kif definit fl-artikolu 30, ta' l-Att Numru I ta' l-1992 anki jekk tali obbligu li jsir dan it-tip ta' zvilupp jista' jemani minn xi ligi ohra jew minn konvenzjoni internazzjonali tal-bahar. Naturalment dan il-fattur ta' l-ahhar ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u moghti wkoll il-piz li jisthoqqlu kif, wara kollox, gara f'dan il-kaz. Izda s-semplici obbligu mpost fuq l-Awtorita' Marittima li tiehu passi biex tizgura s-sigurta' marittima skond il-konvenzjonijiet internazzjonali mhux fih innifsu bizzejjed biex l-izvilupp in kwistjoni jsir. Dejjem ikun irid jinkiseb il-permess ghall-izvilupp koncernat";*

*Illi l-esponent umilment jissottometti li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell hija zbaljata ghaliex il-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-Awtorita' Marittima meta l-istess tkun qed tezercita l-funzjoni taghha, bil-konsegwenza li meta l-Awtorita' Marittima tiehu xi azzjoni skond il-funzjoni moghtija lilha mill-artikolu 6 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta hi mhix obbligata li titlob permess minghand l-ebda awtorita' ohra, inkluz l-Awtorita' tal-Ippjanar;*

*Illi l-**artikolu 6 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:*

*"(1) Tkun il-funzjoni ta' l-Awtorita' [Awtorita' Marittima ta' Malta]:*

*a) li tipprovdi, zzomm u thaddem portijiet f'Malta, u li tipprovdi, zzomm u thaddem fihom u fil-qarba taghhom servizzi u facilitajiet xierqa u efficjenti li minn zmien ghal*

*zmien jidhrilha mehtiega jew vantaggjuzi biex jahdmu tajjeb, bla periklu u b'mod efficjenti dawk il-portijiet jew kif l-Awtorita' jidhrilha xort' ohra xieraq biex tipprovdi fl-interess pubbliku;"*

*Mill-artikolu hawn fuq kkwotat johorgu diversi fatturi li jippruvaw illi ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur li jimponi xi limiti fuq il-funzjoni tal-Awtorita' Marittima hekk kif deskritta fl-istess sub-artikolu:*

*(i) Fl-ewwel lok fl-istess sub-artikolu l-ligi ma tipprovdix espressament xi limitu fuq il-funzjoni tal-istess Awtorita'. Illi ta' min jinnota li fl-istess att, fl-**artikolu 6(2)(e)**, fejn il-legislatur ried jimponi limitu dan ghamlu espressament:*

*"bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku li tipprovdi jew tizgura l-provvediment ta' servizzi ghat-trasport ta' passiggieri u oggetti, maghduda vetturi, fil-portijiet u fl-ibhra territorjali ta' Malta;"*

*Konsegwentement kieku l-legislatur ried ukoll jissottometti l-poteri tal-Awtorita' Marittima ghal dawk tal-Awtorita' tal-Ippjanar dan kien jaghmel hekk espressament. Pero` dan fil-fatt ma ghamlux u fejn il-ligi hi cara din ma ghandiex taghti lok ghal interpretazzjoni;*

*(ii) Fit-tieni lok, in-natura ta' din il-funzjoni tal-Awtorita' Marittima, b'mod specjali fejn hija deskritta bil-kliem 'bla periklu u b'mod efficjenti' indubbjament iggib maghha poteri ta' decizjoni u azzjoni f'qasir zmien u ghaldaqstant is-sottomissjoni ta' dawn il-poteri ghad-decizjoni ta' Awtorita' ohra li bil-ligi ma hix obbligata li taghti d-decizjoni taghha immedjatament, bhal ma hija l-Awtorita' tal-Ippjanar, zgur li ma kenitx fl-intenzjoni tal-legislatur. Huwa inkoncepibbli li l-Awtorita` Marittima trid tghaddi mill-process burokratiku ta' applikazzjoni ghall-permess minghand l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, meta n-necessitajiet tas-sahha u s-sigurta` fuq il-bahar jezigu li l-Awtorita` Marittima tagixxi immedjatament sabiex tigi evitata dizgrazzja;*

*(iii) Illi l-aktar kliem li ghandhom jinghataw importanza f'dan is-subartikolu huma l-kliem 'fl-interess pubbliku' ghaliex dawn juru kemm il-funzjoni tal-Awtorita' Marittima hija ta' mportanza krucjali ghall-pajjiz, u partikolarment ghas-sigurta u s-sahha fuq il-bahar. L-esponent umilment jissottometti li fejn huwa bzonnjuz li l-Awtorita' Marittima tiehu xi azzjoni fl-interess pubbliku hija ghandha taghmel dan minghajr xkiel u huwa ghalhekk li l-***Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta*** *(Awtorita' Marittima ta' Malta) ma jimponi l-ebda limitu;*

*Illi minghajr pregudizzzju ghas-suespost, l-esponent umilment jissottometti wkoll li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien zbaljat meta ddikjara li l-poteri tal-Awtorita' Marittima ghandhom ikunu sottomessi ghal dik tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghaliex 's-semplici obbligu mpost fuq l-Awtorita' Marittima li tiehu passi biex tizgura s-sigurta' marittima skond il-konvenzjoni internazzjonali mhux fih innifsu bizzejjed biex l-izvilupp in kwistjoni jsir'. L-obbligu fuq l-Awtorita' Marittima li tiehu passi biex tizgura s-sigurta' marittima ma jemanax biss minn konvenzjonijiet internazzjonali izda, aktar importanti, dan l-obbligu jemana mill-ligi Maltija, partikolarment mill-***Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta*** *(Awtorita' Marittima ta' Malta).*

*Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gia' prodotti u jirriserva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onoroabbli Qorti ta' l-Appell jogohgobha tirrevoka, thassar u tannulla ddecizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tas-7 ta' Settembru, 2001, fil-kaz fl-ismijiet Dr. Mark Bonello fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Malta Maritime Authority vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar (PAB 194/00) in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq u taht il-poteri moghtija lilha skond l-artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, tiddeciedi dan l-appell skond il-ligi."*

Rat ir-risposta ta' L-Awtorita' ta' l-Ippjanar a fol. 11 et seq. tal-process fejn esponiet:-

"1. *Illi fid-decizjoni tieghu, il-Bord ta' l-Appell iddecieda billi qabel mar-ragunijiet ghall-hrug ta' l-avviz biex tieqaf u*

*twettiq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar stante li l-izvilupp in kwistjoni jikkostitwixxi "zvilupp" skond l-Att I tal-1992. Oltre dan, l-istess Bord ta' l-Appell ikkonferma illi ghaldaqstant, l-Awtorita' Marittima kellha tapplika, ghall-permess relattiv. Il-Bord ikkonkluda illi stante l-Awtorita' Marittima kienet ghamlet applikazzjoni sanatorja li issa giet milqugha, l-avvz biex tieqaf u ta' twettiq gie mhassar bil-hrug ta' din l-applikazzjoni.*

*2. Illi f'dan l-istadju ikun opportun illi wiehed jara d-definizzjoni ta' zvilupp taht l-**Att I tal-1992 Art. 30 (2):***

***"Ghall-ghanjiet ta' dan l-artikolu, u, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tehtiegx xort'ohra, 'zvilupp" tfisser l-ghemil ta' xoghol ta' bini, inginerija, xoghol ta' barrieri, thaffir u xoghol iehor ta' kostruzzjoni, <u>demolizzjoni jew tibdil f'art jew fil-bahar</u>, jew fuqhom jew 'il fuq minnhom jew tahthom, jew kull bidla sostanzjali fl-uzu ta' l-art jew bini …"***

*Ghalhekk johrog car illi kif ikkonkluda korrettement il-Bord tal-Appell, l-izvilupp illi ipproponiet l-Awtorita' Marittima, ghandha tigi validitata b'permess kif fil-fatt sar.*

*3. Illi l-appellant qajjem il-kwistjoni li l-istess Awtorita Marittima ghandha s-setgha illi taghmel zviluppi minghajr ma tapplika ghall-permess relattiv minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Illi bl-applikazzjoni sanatorja li ghamlet l-Awtorita' Marittima, hija qeghda tammetti l-fatt illi anke' hi trid permess minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex taghmel zvilupp. Li kieku l-appellanti ma' kienx jahseb hekk, kieku ma kienx jissottometti applikazzjoni sanatorja. Inoltre l-**Artikolu 38** tal-istess Att I jghid hekk:*

***"(1) Dipartiment tal-Gvern jew enti morali mwaqqaf b'ligi ghandhom ifittxu li jkollhom permess ghall-izvilupp skond dawk ir-regolamenti jew regoli (jekk ikun hemm) li jistghu jigu preskritti taht l-artikolu 60 ta' dan l-Att <u>u kull proposta minn dipartiment jew enti bhal dak ghandha tigi pubblikata u assuggettata ghas-sottomissjonijiet tal-pubbliku bl-istess mod bhal</u>***

***<u>proposta privata ghal zvilupp</u>, jew kif jista' jigi preskritt kif intqal qabel.***

***(2) Dipartiment tal-Gvern jew enti morali kif intqal qabel m'ghandux jiddisponi minn art jew iwieghed li jiddisponi minn art, ghal uzu specifiku jew dak l-uzu ma jkunx gie approvat mill-Awtorita' jew ma jkunx permess taht pjan ta' zvilupp jew pjan sussidjarju."***

*Ghalhekk wiehed ma jifhimx kif issottometta l-appellant noe. fl-appell tieghu, l-Awtorita' Marittima ghandha l-jedd assolut li taghmel kull tip ta' zvilupp minghajr ma' tapplika lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar bhal kull cittadin iehor u hekk tkun taht l-iskrutinju tal-pubbliku. Jekk wiehed jargumenta bhal l-appellant noe wiehed ikun qieghed jagixxi kontra l-Att l tal-1992 u b'hekk l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tkun gustifikata li tohrog avvizi biex tieqaf u ta' twetiq kif harget f'dan il-kaz u kif korrettement taghta ragun il-Bord tal-Appell.*

*4. Kif intqal hawn fuq, l-agir innifsu tal-appellant noe li applika biex jissanzjona l-izvilupp illegali, juri illi anke hu dehrlu illi dik hija l-procedura l-korretta u li l-Kap 352 ma' jaghti l-ebda jedd assolut lill-Awtorita Marittima, biex taghmel zviluppi minghajr l-ebda permess minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.*

*5. Illi dak li qal l-appellant noe illi mill-Art. 6 tal-Kap. 352 johorgu diversi fatturi li jippruvaw illi ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur li jimponi xi limiti fuq il-funzjoni tal-Awtorita' Marittima, ma fihiex bazi legali ghaliex sija minn dan l-Artikolu u sia minn xi artikoli ohra ta' dan l-Att ma johrogx illi l-Awtorita' Marittima hija awtonoma ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' permessi. Anzi funzjoni li timponila dan l-Att fuq l-Awtorita` Marittima jinsab fl-Art. 6(n) illi jghid illi din l-Awtorita' ghandha "**<u>taqdi kull dmir moghti lilha b'dan l-Att jew b'xi ligi ohra</u>**".*

*6. In vista tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobgha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-*

*appellant noe, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-seba' (7) ta' Settembru 2001, bl-ispejjez kontra l-istess appellant noe."*

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

Rat il-verbal tas-seduti tal-15 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni; u tas-27 ta' Mejju 2002 fejn Dr. Ilona Blackman ghall-appellant talbet li taghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppregiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-appellant biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto jew notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom erbghin gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Ottubru 2002 ghas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi fil-kaz odjern Dr.Mark Bonello *nomine* appella quddiem il-Bord minn Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fil-konfront tieghu fis-26 ta' April 2000. F'dan l-avviz kien gie allegat illi l-appellant *nomine* ghandu zvilupp li jikkonsisti minn xoghol ta' thaffir u xoghol iehor relatat fil-bahar u dan minghajr permess ta' zvilupp fis-Sikka tal-Merkanti, barra l-kosta tal-Hilton, San Giljan.

Illi bl-istess avviz l-appellanti nghata sittax-il gurnata zmien biex iregga' kollox lura ghall-istat originali tieghu. Konsegwentement Dr. Mark Bonello *nomine* appella quddiem il-Bord u l-Awtorita' tal-Ippjanar ghamlet ir-risposta taghha fejn issottomettiet li l-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq kellu jigi kkonfermat. Sadanittant saret applikazzjoni sanatorja min-naha tal-appellant *nomine* li giet milqugha u l-permess ghall-izvilupp relattiv inhareg fit-2 ta' Awissu 2000. B'hekk il-Bord cahad l-appell u kkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq izda stante

l-hrug tal-permess l-avviz ta’ twettieq gie *ex lege* mhassar fit-2 ta’ Awissu 2000 bl-ghoti tal-permess ghall-izvilupp. L-appellant *nomine* pero’ talab li jkun hemm pronunzjament min-naha tal-Bord dwar jekk l-izvilupp kolpit bl-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq jikkostitwixxix zvilupp. Il-Bord sostna hekk:-

*“Peress li l-appellant ‘ex admissis’ applika biex jirregola l-izvilupp fl-imsemmi avviz biex tieqaf u ta’ twettieq u tali applikazzjoni giet approvata tant li inhareg permess relattiv, il-Bord qed jichad l-appell u jikkonferma l-avviz biex tieqaf u tat-twettieq izda stante il-hrug tal-permess l-avviz ta’ twettieq gie ex lege mhassar fit-2 ta’ Awissu 2000 bl-ghoti tal-permess ghall-izvilupp”.*

*“Dwar it-talba ta’ l-appellant ghall-pronunzjament da parti ta’ dan il-bord dwar jekk l-izvilupp kolpit bl-avviz biex tieqaf u ta’ twettieq jikkostwixxi zvilupp, il-Bord jinnota li l-istess applikant applika biex ottjena l-permess u apparti dan m’hemmx dubju illi l-proposta ta’ l-appellant (“to manufacture & fix in place a steel reefmaker”) hija wahda li taqa’ taht il-parametri ta’ l-espressjoni “zvilupp” kif definit fl-artikolu 30 ta’ l-Att Nru 1 ta’ l-1992 anki jekk tali obbligu li jsir dan it-tip ta’ zvilupp jista’ jemani minn xi ligi ohra jew minn xi konvenzjoni internazzjonali tal-bahar. Naturalment dan il-fattur ta’ l-ahhar ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u moghti wkoll il-piz li jisthoqqlu kif, wara kollox, gara f’dan il-kaz. Izda s-semplici obbligu mpost fuq l-Awtorita’ Marittima li tiehu passi biex tizgura s-sigurta’ marittima skond il-konvenzjonijiet internazzjonali mhux fih innifsu bizzejjed biex l-izvilupp in kwistjoni jsir. Dejjem ikun irid jinkiseb il-permess ghall-izvilupp koncernat.”*

Illi pero’ l-appellant isostni fl-appell odjern li din id-decizjoni hi zbaljata ghax il-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-Awtorita’ Marittima meta l-istess tkun qed tezercita’ l-funzjoni taghha, bil-konsegwenza li meta hi tiehu azzjoni skond il-funzjoni moghtija lilha mill-**artikolu 6 tal-Kap.352** hi mhux obbligata li titlob permess minghand l-ebda awtorita’ ohra, inkluz l-Awtorita’ tal-Ippjanar. Inoltre’ sostna li f’parti ohra tal-ligi hemm espressament provdut li

hemm limitu fuq l-Awtorita’ u ghalhekk ladarba f’dan il-kaz tali limiti ma ssemmiex fil-ligi dan huwa sinjal car li l-legislatur ma ried jimponi ebda limitu fuq il-poteri tal-Awtorita’ Marittima.

Illi fit-tieni lok, kompla jsostni l-appellant, il-funzjoni tal-Awtorita’ Marittima, b’mod specjali fejn hi deskritta *“bla periklu u b’mod efficjenti”* fl-**artikolu 6 tal-Kap.352** iggib maghha poteri ta’ decizjoni u azzjoni f’qasir zmien u b’hekk is-sottomissjoni ta’ dawn il-poteri ghad-decizjoni ta’ Awtorita’ ohra li mhux obbligata li taghti d-decizjoni taghha immedjatament, bhalma hi l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, zgur li ma kienitx fl-intenzjoni tal-legislatur.

Illi inoltre’ l-kliem *“fl-interess pubbliku”* juru li l-funzjoni tal-Awtorita’ Marittima hi ta’ importanza krucjali ghall-pajjiz, partikolarment ghas-sigurta’ u s-sahha fuq il-bahar. Ghalhekk fejn ikun necessarju li l-Awtorita’ Marittima tiehu xi azzjoni fl-interess pubbliku hi ghandha taghmel dan minghajr xkiel u b’hekk il-**Kap.352** ma jimponi ebda limitu.

Illi barra minn hekk skond l-appellant id-decizjoni hi zbaljata wkoll ghax l-obbligu fuq l-Awtorita’ Marittima li tiehu passi biex tizgura s-sigurta’ marittima ma jemanax biss minn konvenzjonijiet internazzjonali, izda aktar importanti, dan l-obbligu jemana mill-Ligi Maltija, partikolarment mill-**Kap.352.**

Illi fir-risposta taghha l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar irreferiet ghad-definizzjoni ta’ *“zvilupp”* fl-**artikolu 30(2) taht l-Att I tal-1992** u sostniet li l-Bord ikkonkluda korrettament li x-xoghlijiet kienu jaqghu taht *“zvilupp”* u b’hekk kellhom bzonn permess. Inoltre’ ghalkemm l-Awtorita’ Marittima sostniet li tista’ taghmel zviluppi minghajr ma tapplika ghall-permessi pero' bl-applikazzjoni sanatorja li ghamlet ammettiet hi stess li anki hi trid permess minghand l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar sabiex taghmel zvilupp. Irreferiet ukoll ghall-**artikolu 38 tal-istess Att**.

Illi l-istess Awtorita’ ta’ l-Ippjanar sostniet li minn dak li qal l-appellant *nomine* dwar **l-artikolu 6 tal-Kap.352** johorgu diversi fatturi li jippruvaw is-sottomissjoni tal-appellanti li

ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur li jimponi xi limiti fuq il-funzjoni tal-Awtorita' Marittima, ma fiha ebda bazi legali u dan ghaliex sija minn dan l-artikolu u sia minn xi artikoli ohra ta' dan l-Att ma jirrizultax li l-Awtorita' Marittima hija awtonoma ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' permessi. Anzi skond l-*artikolu 6 (n) tal-Kap.352* jirrizulta li l-istess Awtorita' Marittima ghandha *"taqdi kull dmir moghti lilha b'dan l-Att jew b'xi ligi ohra."*

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti taghmel riferenza ghad-definizzjoni ta' *"zvilupp"* li tinsab fl-**artikolu 30(2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** li tipprovdi li:-

*"Ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu, u, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tehtiegx xort'ohra, "zvilupp" tfisser l-ghemil ta' xoghol ta' bini, inginerija, xoghol ta' barrieri, thaffir u xoghol iehor ta' kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil f'art jew fil-bahar, jew fuqhom jew 'il fuq minnhom jew tahthom, jew kull bidla sostanzjali fl-uzu ta' l-art jew bini …".*

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-konkluzjoni tal-Bord ta' L-Appell dwar l-Ippjanar hija korretta u ghalhekk din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ssostni l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fis-sottomissjonijiet taghha quddiem din il-Qorti , u cioe' li x-xoghlijiet li kienet qeghda tesegwixxi l-Awtorita' Marittima - li kienu jikkonsistu f'xoghol ta' thaffir u xoghol iehor relatat fil-bahar – (*"to manufacture and fix in place a steel reefmaker")* jikkostitwixxu zvilupp skond l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, u ghalhekk skond l-istess **Kap 356** l-Awtorita' Marittima, bhal kull persuna ohra f'dawn il-gzejjer kienet obbligata li tapplika ghall-permess ghal dawn ix-xoghlijiet. Illi jigi nnottat li fil-fatt hekk ghamlet l-istess Awtorita' Marittima, u certament jinghad li kienet x'kienet ir-raguni ghaliex hija ssottomettiet din l-applikazzjoni, li mhux relavaneti ghal dan il-punt hawn dibattut, xorta jfisser li l-istess appellanti *nomine* rrikonoxxew b'mod inekwivoku li tali zvilupp huwa wiehed li jaqa' taht id-definizzjoni ta' *'zvilupp'* skond il-**Kap 356,** ghaliex altrimenti ma hemm ebda skop ta' tali applikazzjoni, u dan immaterjalment mill-argument l-iehor avvanzat mill-istess appellanti *nomine,*

jekk tali Awtorita' Marittima hijiex ezenti milli titlob ghal tali permess.

Illi dwar il-punt jekk l-istess Awtorita' appellenti ghandhiex bzonn tali permess, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar irreferiet ghall-**artikolu 38(1) tal-Kap.356** li jipprovdi illi:-

*"(1) Dipartiment tal-Gvern jew enti morali mwaqqaf b'ligi ghandhom ifittxu li jkollhom permess ghall-izvilupp skond dawk ir-regolamenti jew regoli (jekk ikun hemm) li jistghu jigu preskritti taht l-artikolu 60 ta' dan l-Att u kull proposta minn dipartiment jew enti bhal dak ghandha tigi ppubblikata u assuggettata ghas-sottomissjonijiet tal-pubbliku bl-istess mod bhal proposta privata ghal zvilupp, jew kif jista' jigi preskritt kif intqal qabel."*

Illi skond l-Awtorita' Marittima dan l-artikolu ma japplikax ghall-kazijiet ta' urgenza msemmija fl-**artikolu 6 tal-Kap 352** ghaliex hija sostniet li hija ghandha l-kompetenza esklussiva u kontroll shih fl-ibhra territorjali w interni ta' Malta f'kull port u fl-art u fil-bahar u li tipprovdi s-servizzi relattati mit-thaddim ta' tali portijiet fil-qarba ta' kull port u fuq il-mollijiet, u ghalhekk ghandha kemm id-dritt u kemm l-obbligu li thares l-imsemmija facilitajiet minn kull periklu u kull emergenza li tista' tinqala. Raguni ohra hi li skond l-**artikolu 6 (1) tal-Kap 352** l-istess Awtorita' Marittima ghandha l-funzjoni, fost ohrajn, li tipprovdi, zzomm u thaddem portijiet f'Malta, u li tipprovdi, zzomm u thaddem fihom u fil-qarba taghhom servizzi u faciltajiet xierqa u efficjenti li minn zmien ghal zmien jidhrilha mehtiega jew vantaggjuzi biex jahdmu tajjeb, bla periklu u b'mod efficjenti dawk il-portijiet jew kif jidhrilha xort'ohra xieraq biex tipprovdi fl-interess pubbliku. B'hekk l-argument tal-istess Awtorita' Marittima hu li l-**artikolu 38 tal-Kap 356** ma japplikax ghad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 6 tal-Kap 352** stante li l-**artikolu 38** jipprovdi ghal procedura twila u inkrepattiva qabel ma jinghata permess, liema procedura ma tistax tigi applikata ghal certu kazijiet inkluzi dawk kontemplati fl-**artikolu 6 tal-Kap.352** u dan bhal ma huma l-kazijiet fejn l-Awtorita' jkollha necessita' li tagixxi immedjatament sabiex jigi evitat periklu lic-cittadini Maltin u kwalunkwe persuna ohra.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument sottomess mill-appellanti. Fl-ewwel lok, il-funzjoni elenkata fl-**artikolu 6** bl-ebda mod ma tezenta lill-Awtorita' Marittima mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar L-Izvilupp ta' l-Ippjanar. Illi kif tajjeb issottomettiet l-Awtorita' tal-Ippjanar appellata l-iskop ta' dan is-sub-artikolu huwa li jaghti lill-appellanti l-kontroll tas-siti hemm indikati, izda dan ma jfissirx li l-istess appellanti huma ezentati mill-effetti ta' ligijiet ohra, li jimponu obbligu fuq l-istess appellanti sabiex jottjenu kull permess mehtieg fil-ligi li ma huwiex taht il-kontroll taghha. Hekk l-izvilupp mertu tal-kawza odjerna li jikkonsisti f'xoghol ta' thaffir u xoghol iehor relatat fil-bahar, huwa zvilupp kif kontemplat taht **Kap 356** u ghalhekk jehtieg permess taht l-istess Att. Illi dan kollu huwa logiku u z-zewg ligijiet in kwistjoni taht dan l-aspett mhux tali ma humiex kontradittorji ghal xulxin anzi jikkumplimentaw lil xulxin b'mod li jiddefinixxu l-komptenza ta' kull Awtorita' u l-limitu taghha, b'rispett ghar-*"Rule of Law".*

Illi *'noltre'* jinghad li ghalkemm hu minnu li l-Awtorita' Marittima hi resposabbli ghas-sigurta' marittima izda dan b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandhiex tapplika, bhal kull cittadin, sabiex tottjeni l-permess necessarju meta dan ikun rikjest mill-ligi u fil-fatt mill-Att kostitwittiv tal-istess Awtorita' appellanti l-ebda esenzjoni minn tali rewkizit ma tezisti.

Illi din il-Qorti hija tal-opinjoni li ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti *nomine* li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar injora l-ligijiet lokali li jirregolaw l-Awtorita' Marittima stante li fl-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell saret referenza ghall-ligijiet applikkabbli ghall-kaz in kwistjoni u fl-ghoti ta' permessi dwar 'zvilupp' kif kontemplat fl-istess **Kap 356,** certament li din hija l-istess Att li jirregola l-hrug ta' tali permessi.

Illi jinghad fl-ahharnett li l-fatt li l-Awtorita' Marittima ghamlet applikazzjoni sanatorja u li fil-fatt tali permess hareg jekk mhux ammissjoni jew accettazzjoni min-naha taghha li hija wkoll trid tapplika ghall-permess meta jsir

zvilupp minnha, certament li jdghajjef il-posizzjoni tal-istess appellanti f'dawn il-proceduri, ghaliex altrimenti ma kienx hemm skop li tapplika. L-argument li fil-kaz in kwistjoni l-Awtorita' Marittima kellha taghmel hekk biex ikomplu x-xoghlijiet pendente d-decizjoni ma jsahhahx il-posizzjoni tal-istess appellanti, ghaliex fih innifsu huwa kontrasens ghas-sottomissjonijiet tal-istess appellanti *nomine.*

Illi fl-isfond ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju li l-Awtorita' Marittima kienet obbligata li tapplika biex tottjeni permess ghall-izvilupp, kif fil-fatt ghamlet u kif fil-fatt ottjeniet, u dan l-obbligu fuq l-istess Awtorita' jemani mill-Kap **356** kif indikat u wkoll skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 38 tal-Kap 356** citat mill-appellati li ghalih wkoll issir riferenza. Dan apparti li kieku l-legislatur ried b'xi mod jezenta lill-appellanti milli jottjenu tali permess jew permess simili, kien certament jipprovdi espressament ghalih, u la darba ma hemm xejn fil-ligi dwar l-istess, certament li tali esenzjoni pretiza mill-appellanti ma tezistiex u din hija l-konkluzjoni logika li din il-Qorti necessarjament ghandha taddotta in omagg tal-massima *"ubi voluit dixit".* Dan ifisser ukoll li l-istess appellanti huma soggetta ghall-ligi bhal kull persuna ohra, fizika jew legali.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konkluzjoni raggunta mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu f'dan il-kaz tal-21 ta' Settembru 2001 hija korretta, anzi hija l-unika wahda possibbli fl-istat tal-ligi u l-fatti esposti, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-appell setgha facilment gie evitat ghar-ragunijiet ovvji, inkluz il-hrug tal-permess ghax-xoghlijiet relattivi.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi l-appell interpost ghandu jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar fir-risposta taghha tat-28 ta' Settembru 2001, **tichad l-appell interpost mill-appellanti *nomine* fir-rikors tieghu tal-20**

**ta' Settembru 2001,** stante li huwa nfondat fid-dritt b'dan ghalhekk li tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' L-Appell ta' L-Ippjanar tas-7 ta' Settembru 2001.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**28 t'Ottubru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 t'Ottubru 2002.**